MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2013

Numru. 1228/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**Vs**

**Carmelo Ciantar ID 76147(M) iben Carmelo u Maria nee' Micallef imwieled Siggiewi fl-04/05/1947 u residenti gewwa Nru.12 il-Holma, Triq Salvatore Mallia, Siggiewi, SGW3263.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Carmelo Ciantar li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fis-16 ta' Ottubru 2010 ghall-habta tat-08:15am gewwa l-limiti tas-Siggiewi, gieghel kelb tal-kacca ppastardjat minn "german pointer" isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u abbandunah meta spara ghal fuqu permezz t'arma tan-nar.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi,

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tat-18 ta’ Novembru 2010 sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ipprezentati mill-partijiet.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi mill-qari ta’l-akkuzi migjuba kontra l-imputat jirrizulta illi l-imputat qieghed jigi addebitat lilu ir-reat dwar il-mohqrija ta’l-annimali. Mill-provi akkwiziti f’dina l-kawza jirrizulta illi fis-16 ta’ Ottubru 2010, l-parti leza Raymond Pace kien hareg passiggjata flimkien mal-kelb tieghu tar-razza tal-kacca ippastardjata fiz-zona maghrufa bhala Tal-Provvidenza fil-limiti tas-Siggiewi. Pace ighid illi huwa kien qieghed jigbor il-bebbux, filwaqt illi l-kelb tieghu kien qieghed jigri fil-vicinanzi. F’hin minnhom Pace ma setax jara lill-kelb tieghu ghax dan kien dahal gewwa razzett privat, li kien proprjeta ta’ certu Angelo Bonnello meta f’daqqa wahda sema tiri sparati minn senter. Xi tlett minuti wara li gew sparati dawn it-tiri huwa ighid li ra lill-imputat. Ighid illi f’dak il-hin dan kien l-uniku persuna li ra fl-akkwati. Pace sab lill-kelb tieghu ferut u f’dan il-hin rega ra lil Ciantar ghaddej b’karretta u qallu ‘il ghala kien ghamel hekk lill-kelb tieghu. Ighid illi Ciantar lanqas biss kellmu u baqa’ ghaddej. Pace madanakollu jikkontendi illi lil Ciantar la ralu xi arma tan-nar f’idejh u wisq anqas rah jispara fuq il-kelb. Assuma li kien hu li kien spara lill-kelb ghaliex kien l-uniku bniedem li ra f’dak il-hin fuq il-post u minhabba l-fatt ukoll illi meta kellmu, minflok tah l-assistenza hekk kif rah bil-kelb mimli demm f‘idu, huwa dawwar wiccu u telaq ‘l hemm minghajr lanqas biss kellmu.

Pace ighid illi ha lill-kelb ghal kura gewwa l-Animal Clinic ta’ Ta’ Qali fejn hemmhekk il-kelb gie ikkurat mit-tabib

veterinarju Dr. Trevor Zammit[1]. Il-kelb sofra griehi minn sparatura ta’ senter li laqtitu fil-genb ta’ wiccu. B’konsegwenza ta’ dan, il-kelb tilef ghajn wahda u anke ghal ftit zmien kien anke tilef il-bilanc, izda bil-kura huwa irkupra mill-feriti ghalkemm tilef ghajn.

L-imputat jigi arrestat u interrogat fejn ghalkemm jikkonferma illi kien fuq il-post meta sehh l-incident, madanakollu jichad kategorikament illi kien hu li spara fuq dana il-kelb, kif allegat. Ighid illi huwa kien jinsab fir-razzett tal-familja taz-Zibgi li jismu Angelo Bonello u kien qed inaddaf iz-ziemel. Jghid illi fil-hin ta’l-isparatura huwa hareg idur bil-karretta u jikkonferma li ra lil Raymond Pace idur ifittex il-kelb tieghu u li dana Pace fl-ebda hin ma kellmu.

Illi fuq il-post, ma instabet l-ebda arma tan-nar mill-Pulizija u li l-arma tan-nar tal-imputat giet elevata mid-dar tieghu fejn instabet fl-ghata taghha. L-imputat ighid illi dina l-arma tan-nar rari juzaha u qatt ma johrogha mid-dar.

Illi d-difiza ipproduciet bhala xhud lil Angelo Bonello, sid ir-razzett fejn sehh dana l-incident. Huwa ighid fix-xhieda tieghu illi z-zona fejn hemm ir-razzett tieghu hija maghrufa ghal kacca u fil-widien tal-madwar ikun hemm il-kaccaturi. Jikkontendi illi l-imputat ma hux dilettant tal-kacca u ghalkemm jaf li ghandu senter, izda qatt ma rah jikkaccja. Ighid illi l-imputat ta’ kuljum ikun fir-razzett tieghu ghaliex ighinu jiehu hsieb iz-zwiemel li ghandu billi inaddfilhom l-istalel. Ighid ukoll illi fir-razzett huwa ma izomm l-ebda armi tan-nar.[2]

Ikkunsidrat,

Illi l-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta’ Malta li jitkellem dwar it-trattament xieraq ta’l-annimali jiddisponi illi : “*L-ebda animal ma ghandu jigi imgieghel isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, l-ebda animal ma jista’ jigi abbandunat.*” Din hija inkwadrata fl-unika akkuza

[1] Ara certifikat mediku a fol.21 u xhieda ta’ Dr. Trevor Zammit a fol.49
[2] Ara xhieda ta’ Angelo Bonello a fol.61

migjuba fil-konfront ta'l-imputat. Illi dina l-Qorti tistqarr illi meta giet biex tifli l-atti processwali ma irrizulta minn imkien illi l-imputat haqar dan il-kelb. Illi ghalkemm ma hemmx dubbju illi l-imputat kien fuq ix-xena tar-reat dak in-nhar ta'l-incident, madanakollu ma hemm l-ebda prova fl-atti la diretta u lanqas indizzjarja li tista' b'xi mod torbot l-isparatura li saret ma'l-imputat. Illi ghalkemm fir-rapport maghmul lill-pulizija il-parti leza jikkontendi illi huwa kien ra lill-imputat b'arma tan-nar f'idejh, madanakollu meta imbaghad jaghti ix-xhieda tieghu fil-Qorti jikkontendi illi lill-imputat rah ghaddej b'karretta u li ma rahx b'xi arma tan-nar f'idejh. Inoltre meta saru it-tfittxijiet mill-pulizija fuq il-post ma instabet l-ebda arma tan-nar. Illi l-uniku arma tan-nar li ghandu l-imputat huwa senter tat-tip semi automatic tad-ditta Pietro Berretta li gie elevat mir-residenza tieghu. Dana is-senter instab gol-cover tal-kanvas ta' kulur camouflage. Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija l-imputat jinnega illi huwa spara fuq dana il-kelb. Jikkontendi illi l-arma tan-nar elevata mill-pussess tieghu ilu ma juzaha ghal zmien twil, izommha id-dar tieghu u ma johroghiex minn hemm lanqas biex imur ir-razzett ta' Bonello[3]. Illi mir-rapport tal-Brigadier Maurice Calleja fil-fatt, l-espert jikkonkludi illi "l-istat tas-senter huwa daqs ta' wiehed gdid.[4]" Meta mistoqsi in kontro-ezami jekk dina l-arma tan-nar qatt intuzatx huwa iwiegeb:
"Ma nafx intuzatx, imma l-istat taghha huwa wiehed gdid fjamant."
Meta imbaghad mistoqsi mill-Qorti jekk setax jistabbilixxi jekk l-arma gietx uzata huwa iwiegeb:
"Le, ghax jekk tnaddfu …. jerga' jigi qisu gdid."[5]

Illi ghalhekk minn dana l-assjem tal-provi, ghalkemm ma hemmx dubbju illi l-imputat kien prezenti fl-ghalqa in kwistjoni meta sehhet l-isparatura u ghalkemm huwa fatt ukoll stabbilit illi l-kelb ta' Raymond Pace sofra griehi ikkagunati minn tiri ta' arma tan-nar, madanakollu ma hemmx provi fl-atti sal-grad rikjest fil-kamp penali li jindikaw illi kien proprju l-imputat li spara ghal fuq il-kelb. Fuq kollox jidher illi z-zona fejn sehh dana l-incident huwa

[3] Ara stqarrija a fol.19 Dokument SZ3
[4] Ara rapport a fol.43 Dokument MC
[5] Ara xhieda tal-Brigadier Maurice Calleja a fols.52 u 53.

maghruf bhala zona tal-kacca u dana kif jixed Angelo Bonello, sid ir-razzett u l-incident mertu tal-kawza sehh fiz-zmien meta l-istagun tal-kacca kien miftuh[6].

Ghaldaqstant abbazi ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[6] Regolament 3(a) tal-Avviz Legali 355 tal-2010